MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Rikors Numru. 132/2004/1

**Joseph u Mary konjugi Debono**

**Vs**

**Dottor Carmel Gafa'**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

**Rikors ta' Joseph u Mary konjugi Debono.**

Illi r-rikorrenti talbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni u fejn gie premess:

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli jkompli jaghmel xoghol ta' skavar u kostruzzjoni fil-fond "Villa Maria Dolores", Iklin Valley, Iklin

liema fond jinsab gjacenti mal-fond residenza tar-rikorrenti, liema xoghol gja kkawza danni fil-hitan divizorju u kmamar li jmissu mal-hitan divizorju tant illi ma jistghux jintuzaw.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu illi l-intimat jigi inibit milli jkompli jaghmel xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond imsemmi.

**Rat ir-risposta ta' l-intimat a fol. 4 tal-process fejn ippremetta:**

Illi r-rikorrenti jridu ghall-hrug tal-Inibizzjoni jistabbilixxu zewg punti: l-ewwel huwa il-*prima facie* dritt u t-tieni l-indispensabilita' tar-rimedju;

Illi dwar l-ewwel punt, l-esponenti jghid illi dan ix-xoghol sar kif approvat mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar, tant li wara li gew notifikati bir-rikors ghamlu vizita u deherilhom illi x-xoghol sar skond il-pjanti; il-posizzjoni teknika ta' l-esponenti hija esposta fl-anness Rapport tal-Arkitett Mario Grech. Il-materjal li fuqu kien mibni l-hajt ta' appogg bejn il-partijiet jindika illi dan il-hajt ta' appogg kien mibni fuq materjal li normalment ma jsir ebda bini fuqu peress illi huwa maghmul minn hamrija u mazkan (*loose material*); f'dan ir-rigward l-esponenti jhoss illi huwa wkoll rilevanti l-artikolu 448(1) tal-Kodici Civili illi jiddisponi illi *"Ghad illi jkun jinzamm il-boghod imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, kull min jaghmel xi thaffir, iwiegeb ghall-hsara b'dak it-thaffir fil-bini tal-gar, kemm il darba dak il-bini jkun gie mibni skond id-drawwiet u r-regoli tas-sengha taz-zmien li fih inbena."* L-esponenti qieghed ghalhekk jissottometti illi l-bini tar-rikorrenti tal-hajt ta' l-appogg ma nbeniex fuq pedament kif titlob l-arti u s-sengha kif juri c-certifikat tal-perit, izda dan huwa ghall-mument rilevanti ghal *prima facie* dritt: ir-rikorrenti ma gabu ebda prova dwar il-perikolu allegat jew danni li jista' jirrizulta jekk il-bini jew skavar ikompli. L-esponenti *invece* sostna l-posizzjoni tieghu minn certifikat car u inekwivoku ta' Arkitett li jispjega l-pozizzjoni. Dan dwar l-ewwel rekwizit tal-Mandat ta' Inibizzjoni;

Illi kwantu ghat-tieni punt, ir-rikorrenti naqsu wkoll b’mod manifest illi jistabbilixxu l-indispensabilita’ tar-rimedju mitlub. Huwa maghruf illi l-Inibizzjoni hija r-rimedju straordinarju illi parti tigi mizmuma meta l-pozizzjoni tal-provi qed jinstemghu u r-responsabilita’ ghandha b’ebda mod stabbilita u ebda sentenza definitiva moghtija; ir-rimedju ordinarju huwa tad-danni dejjem *alligata et probata*: irid jigi stabbilit illi biex ir-rikorrenti jkunu f’pozizzjoni jipprotegu xi interessi taghhom, l-esponenti ghandhom jinzammu necessarjament; lanqas ma gie stabbilit ghaliex jekk ser ikompli l-bini, ir-rikorrenti ser isofru d-danni jew perikli ghaliex il-premessi tat-talba taghhom huma vagi u generali;

Illi l-esponenti xtaqu jsemmu wkoll illi t-talba kif inhi formulata tipprojbixxi kull xorta ta’ xoghol u mhux *se mai* limitat ghal dik il-parti fejn tista’ tolqot il-proprjeta’ tar-rikorrenti;

Illi l-esponenti jixtiequ jinstemghu minn din il-Qorti u ghas-serhan tal-mohh ta’ kulhadd u fi spirtu ta’ buonvicinat, l-esponenti lesti illi jsiru accertamenti ndipendenti minn Perit tal-Qorti, basta ma jbatux spejjez tal-Perizja, jiddikjaraw ukoll illi lesti jikkoperaw fi spirtu ta’ buonvicinat mar-rikorrenti.

Rat ir-rikors;

Rat ir-risposta;

Semghet lill-Avukat difensur;

Billi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti mhux indispensabbli ghat-talba taghhom ghal hsara kawzati u danni sofferti, u billi r-rikorrenti ghandhom rimedji ohra biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom; u stante li l-intimat intrabat li jezegwixxi x-xogholijiet intraprizi skond il-ligi;

Tirrevoka *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha u tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------